MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

Seduta tad-29 ta' Mejju, 2009

Appell Kriminali Numru. 321/2008

**Il-Pulizija**

**v.**

**Bertram Zahra**

**Il-Qorti**:

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva fit-22 ta' Ottubru 2008 kontra Bertram Zahra, bin Joseph u Emmanuela nee Spiteri, imwieled fl-14 ta' Lulju 1990, detentur tal-karta ta' l-identita` nru 340390M, talli f'dawn il-Gzejjer gewwa z-Zejtun, ghall-habta ta' 14.30hrs naqas milli jhares xi wahda mill-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) presjeduta mill-Magistrat Dott. Jacqueline Padovani Grima [li] b'digrieti ta' nhar it-22 ta' April 2007 u s-6 ta' Dicembru 2006 rispettivament, meta nqabad jisraq fil-fatt minn fond nru 17, Sqaq S. Adeodatu, Zejtun, u ghalhekk kiser il-kundizzjoni nru (4) li ma jaghmilx delitt ta' natura volontarja waqt li jkun mehlus mill-arrest u li bih inghata l-helsien mill-arrest; l-ewwel

qorti kienet ukoll mitluba sabiex tirrevoka l-helsien mill-arrest tal-imputat, kif ukoll li tarresta lill-istess imputat mill-gdid;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-22 ta' Ottubru 2008 li permezz taghha dik il-qorti lliberat lil-imputat "mill-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu";

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-Avukat Generali, minnu pprezentat fis-7 ta' Novembru 2008, li permezz tieghu talab ir-revoka ta' l-imsemmija sentenza u li "minflok...din il-Qorti tghaddi biex tiddisponi minn dan il-kaz skond il-ligi u fl-ahjar interess tal-gustizzja";

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-24 ta' April 2009; ikkunsidrat:

Qabel xejn, tajjeb li naraw ezattament x'ghandna quddiemna f'dan il-kaz. Fis-6 ta' Dicembru 2006 Bertram Zahra nghata – fi proceduri li nbdew dik il-gurnata jew possibilment qabel dik il-gurnata – il-helsien mill-arrest taht diversi kundizzjonijiet, fosthom dik, li hija pjuttost *standard* ghax mehuda mis-subartikolu (1) tal-Artikolu 579 tal-Kodici Kriminali, li waqt li jkun hekk bil-*bail* ma jikkommetix reat ta' natura volontarja (ara d-dokument JA2, a fol. 11). Ftit xhur wara jidher li huwa kellu <u>kaz iehor</u> u, f'dan il-kaz l-iehor, huwa rega' nghata, fit-22 ta' April 2007, il-helsien mill-arrest b'dik l-istess kundizzjoni, fost ohrajn (ara Dok. JA1 a fol. 9 tal-atti tal-kawza odjerna). Fit-22 ta' Ottubru 2008, il-Pulizija Ezekuttiva, billi deherilha li kellha provi bizzejjed li l-istess Zahra kien ikkommetta serq fl-20 ta' Ottubru 2008[1] mill-fond 17, Sqaq San Adeodatu, iz-Zejtun, ressqitu akkuzat bir-reat kontemplat fis-subartikolu (2) tal-Artikolu 579 tal-imsemmi Kodici, u cioe` r-reat ta' min jikser kundizzjoni tal-*bail* – dawn huma, fil-fatt, il-proceduri odjerni. <u>Fi proceduri separati</u> huwa gie akkuzat ukoll bis-serqa in kwistjoni[2].

[1] Il-gurnata ezatt tal-allegata serqa ma tirrizultax mill-imputazzjoni, izda mill-kopja tal-okkorrenza ezibita a fol. 13.
[2] Ara d-deposizzjoni ta' l-Ispettur Joseph Agius, fol. 6 *et sequentes*.

F'dawn il-proceduri – cioe` fejn si tratta ta' imputazzjoni skond l-Artikolu 579(2) – il-Qorti Inferjuri, bis-sentenza li qed tigi issa appellata mill-Avukat Generali, illiberat lill-imputat (illum appellat) Zahra bazikament ghar-raguni li hu kien ghadu ma nstabx hati tal-akkuza ta' serq mill-fond fi Sqaq San Adeodatu. In fatti, fis-sentenza jinghad hekk:

**"Kwindi sakemm il-kawza [dwar is-serq mill-fond fi Sqaq San Adeodatu] tghaddi in gudikat l-imputat jibqa' jitqies li huwa bniedem innocenti u li ma kkommeta l-ebda delitt li dwaru jkun qed jigi akkuzat [recte: li bih ikun kiser il-kundizzjoni tal-*bail*]."**

L-appellant Avukat Generali jikkontendi li l-ewwel qorti malament illiberat lill-appellat u dan minhabba li ghamlet enuncjazzjoni zbaljata jew inkompleta tal-ipotesi tal-ligi – Artikolu 413(1)(b)((iv)(*i*) tal-Kodici Kriminali.

Din il-Qorti hi tal-fehma li l-appellant Avukat Generali ghandu ragun. Ir-reat ta' ksur tal-*bail* minhabba (f'dan il-kaz) il-kommissjoni ta' delitt ta' natura volontarja huwa ghal kollox separat u distint minn dak id-delitt ta' natura volontarja. L-ewwel qorti, bid-dovut rigward lejha, ma kellhiex ghalfejn tistenna l-ezitu tal-proceduri fir-rigward tal-akkuza ta' serq mill-fond fi Sqaq San Adeodatu, izda setghet hadet hi direttament konjizzjoni tal-fatti li talvolta jippruvaw dik is-serqa u, in segwitu, tghaddi biex tara jekk dik is-serqa sehhitx fiz-zmien meta l-akkuzat kien bil-*bail* b'wahda mill-kundizzjonijiet tkun li hu ma kellux jikkommetti delitt ta' natura volontarja. Hawnhekk ghandna il-kaz kwazi klassiku ta' "un solo e medesima fatto" li jaghti lok ghall-ksur ta' aktar minn disposizzjoni wahda tal-ligi, izda li pero` xorta wahda ma jissarrafx f'konkors formali jew ideali ta' reati (bl-assorbiment tar-reat l-anqas gravi f'dak l-aktar gravi), izda jwassal biss ghal konkors materjali jew reali; u dan ghaliex bejn iz-zewg vjolazzjonijiet l-inseparabilita` hi mhux wahda naturali jew guridika izda wahda merament accidentali (ara **Il-Maesta` Tieghu ir-Re v. Antonio Micallef et**, Qorti Kriminali, 3 ta' Settembru 1935, vol. XXIXL.iv.402). In fatti, ir-reat kontemplat fl-Art. 579(2) imsemmi jigi kommess minn min jonqos li jhares kundizzjoni tal-*bail*, liema

kundizzjoni hekk miksura mhux neccessarjament tkun dik li ma jikkommetix delitt ta' natura volontarja. In fatti wiehed jista' jivvjola dan l-Artikolu 579(2) minghajr ma jikkommetti delitt volontarju, bhalma min jikkommetti delitt volontarju mhux necessarjament ikun qed jikkommetti wkoll ir-reat kontemplat f'dan l-Art. 579(2). A skans ta' ripetizzjoni, issir referenza ghas-sentenza ta' din il-Qorti, kolleggjalment komposta, tal-11 ta' Jannar 1994 fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. Michael Bonnici u Joseph Azzopardi** – u ghas-sentenzi hemm imsemmija – kif ukoll ghas-sentenza ta' din il-Qorti kif illum presjeduta tas-26 ta' Awwissu 1998 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Emanuel Tabone**. Ghalhekk l-ewwel Qorti kienet skorretta legalment meta rriteniet li hija ma kellhiex quddiemha "prova" tal-ezitu fil-proceduri "l-ohra" (cioe` dwar is-serqa mill-fond fi Sqaq San Adeodatu).

Dan kollu, pero`, ma jirrizolvix il-kwistjoni li tista' talvolta tinholoq minhabba dak li jipprovdi l-Artikolu 527 tal-Kodici Kriminali, kif ukoll minhabba dak li jipprovdi l-Artikolu 4 tas-Seba' Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea (anke fid-dawl tal-gurisprudenza ghal issa numerikament fqira u mhux ghal kollox cara tal-Qorti ta' Strasbourg fir-rigward ta' dina d-disposizzjoni). Ghalhekk is-soluzzjoni fil-kaz odjern m'ghandhiex tkun dik suggerita mill-appellant Avukat Generali, u cioe` li l-Qorti Inferjuri "tissoprassjedi" sa ma jkun hemm l-ezitu tal-proceduri fir-rigward tas-serqa. Dak li ghandu jsir – u dak li ser tordna din il-Qorti – huwa li l-imputazzjoni migjuba kontra l-appellat u li tipotizza r-reat kontemplat fl-Artikolu 579(2) tal-Kodici Kriminali (cioe` l-imputazzjoni meritu ta' dawn il-proceduri) tigi trattata u deciza fl-istess proceduri li fihom l-appellat Zahra qed jigi akkuzat bis-serqa mill-fond fi Sqaq San Adeodatu. Jekk, in segwitu, il-Qorti Inferjuri ssib htija fir-rigward taz-zewg imputazzjonijiet, ikunu applikabbli d-disposizzjonijiet dwar il-konkors (materjali) ta' reati u ta' pieni kontemplati fl-Artikolu 17 tal-Kodici Kriminali.

Ghall-motivi premessi, tilqa' l-appell ta' l-Avukat Generali, thassar u tirrevoka s-sentenza appellata, u tirrimetti l-atti lura lill-Qorti Inferjuri li qed tisma' u tiehu konjizzjoni tal-akkuza fir-rigward ta' l-allegata serqa mill-fond fi Sqaq

San Adeodatu biex dik il-qorti tiehu konjizzjoni wkoll u f’dawk l-istess proceduri tal-imputazzjoni kontra l-appellat Bertram Zahra hawn aktar ‘il fuq riportata f’din is-sentenza u li tipotizza r-reat kontemplat fl-Artikolu 579(2) tal-Kodici Kriminali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------